

Brussell, 30 ta' April 2015  
(OR. en)

8346/15

CULT 22  
DIGIT 22  
REGIO 35  
IND 62  
SOC 262  
EDUC 111  
SAN 131

**NOTA**

---

|                 |                                                                                                                                                                                            |
|-----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:           | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                           |
| lil:            | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                              |
| Nru. dok. preċ. | 8110/15 CULT 21 DIGIT 16 REGIO 29 IND 55 SOC 245 EDUC 109 SAN 111                                                                                                                          |
| Suġġett:        | Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali<br>- <i>Adozzjoni</i> |

---

Matul diversi laqgħat, il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali ħejja s-sett ta' konklużjonijiet imsemmija hawn fuq bil-ħsieb li jiġu adottati fil-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tat-18 u d-19 ta' Mejju 2015. It-test issa huwa maqbul mid-delegazzjonijiet kollha.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fuq l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali u jibgħat it-test lill-Kunsill għall-adozzjoni u l-pubblikazzjoni sussegwenti fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill  
dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni,  
is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

1. is-setturi kulturali u kreattivi huma sors ta' valur kulturali u ekonomiku. F'dawn l-aħħar snin twettqet ħidma sinifikanti biex is-setturi kulturali u kreattivi jiġu stabbiliti bħala parti integrali tas-soċjetà u l-ekonomija tal-Ewropa u bħala sors ta' tkabbir, impjiegi u prosperità. Madankollu, il-kontribut usa' tagħhom għadu ma ġiex rikonoxxut kompletament, b'mod partikolari f'termini tal-potenzjal tal-kultura u tal-kreattività artistika li jwasslu għall-innovazzjoni f'setturi oħra tal-ekonomija, fis-soċjetà b'mod ġenerali, u għall-ġid tal-individwi;
2. il-kollegamenti bejn is-setturi kulturali u kreattivi u setturi oħra jistgħu jinfteħu bħala proċess li jgħaqqad l-għarfien u l-ħiliet speċifiċi għas-setturi kulturali u kreattivi flimkien ma' dawk ta' setturi oħra sabiex jiġu ġenerati soluzzjonijiet innovattivi u intelliġenti għall-isfidi soċjetali tal-lum;
3. kollegamenti kulturali u kreattivi jistgħu jkunu ta' benefiċċju reċiproku għas-setturi kollha involuti jekk is-setturi jipparteċipaw b'mod ugwali;

4. kollegamenti kulturali u kreattivi ma' setturi oħra jistgħu jwasslu għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji<sup>1</sup>, inkluż:

- it-titjib tal-assistenza tal-klijenti, is-sodisfazzjon tal-ħaddiema u l-effiċjenza organizzattiva fis-settur tan-negozju u dak pubbliku permezz tal-involvement ta' disinjaturi, artisti u professjonisti oħra kreattivi fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u faċli għall-utent u bil-formazzjoni ta' timijiet multidixxiplinarji;
- iż-żieda fl-attendenza u l-kisbiet tal-istudenti, it-trawwim tat-tagħlim kreattiv u l-benessri tal-istudenti, u t-titjib tal-impenn tal-ġenituri permezz tal-involvement ta' artisti u professjonisti kreattivi f' attivitajiet skolastiċi;
- it-tnaqqis tal-infiq mediku u r-rati ta' dħul fl-isptar bit-titjib tal-prevenzjoni tal-mard u l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-pazjenti permezz ta' prattiki artistiki u kreattivi;
- ir-riġenerazzjoni ta' żoni industrijali u spazji urbani u l-promozzjoni tat-turiżmu permezz tal-integrazzjoni tal-kultura u l-kreattività fi strateġiji ta' żvilupp lokali u reġionali fit-tul;

---

<sup>1</sup> Abbażi tal-manwal tal-politika dwar il-Promozzjoni ta' Sħubijiet Kreattivi, imħejji mill-grupp ta' ħidma dwar il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (2014), [http://ec.europa.eu/culture/library/reports/creative-partnerships\\_en.p.pdf](http://ec.europa.eu/culture/library/reports/creative-partnerships_en.p.pdf)

- żieda fl-imġiba ta' sensibilizzazzjoni ambjentali fost il-konsumaturi u l-industrija tal-manifattura, it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-użu ta' riżorsi permezz tal-involviment ta' disinjaturi, artisti u professjonisti kreattivi oħra fir-riċiklaġġ u l-valorizzazzjoni ta' materjali ta' skart biex jinħolqu prodotti ġodda, innovattivi u funzjonali b'valur miżjud;
- it-titjib tal-inklużjoni soċjali u l-ħajja komunitarja permezz ta' attivitajiet kulturali u kreattivi u permezz tal-integrazzjoni tal-arkitettura, l-arti u d-disinn kontemporanji fi spazji pubbliċi u bini ta' valur kulturali u storiku;

#### FILWAQT LI JINNOTA LI:

5. hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar il-potenzjal li jirriżulta mill-ġhaqda tal-arti, il-kultura u l-kreattività mat-teknoloġija, ix-xjenza u n-negozju, kif ukoll skambju insuffiċjenti ta' prattiki tajba. B'mod partikolari, l-effett katalitiku tal-kultura u l-arti fuq l-innovazzjoni fis-setturi kollha għadu sottovalutat u b'hekk mhux użat biżżejjed;
6. Il-kollegamenti jseħħu fl-intersezzjonijiet ta' setturi differenti. Madankollu, is-setturi u l-politiki ta' spiss għadhom qed jiġu organizzati f'kompartimenti separati, u b'hekk qed jiġi limitat l-ambitu għal sinerġiji u l-feġġ ta' soluzzjonijiet innovattivi. Sabiex tingħeleb il-mentalità tal-organizzazzjoni f'kompartimenti u biex jiġu promossi l-kollegamenti, hemm bżonn ta' approċċ strateġiku komprensiv li jnvolvi l-atturi kollha mil-livell lokali sal-livell tal-UE;
7. hemm ħtieġa għal data affidabbli u komparabbli dwar il-kollegamenti kulturali u kreattivi li tippermetti il-qbid u l-analiżi tal-kontribut tagħhom għall-ekonomija ġenerali u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà użà fil-livelli kollha;

8. l-iżvilupp ta' ħiliet kreattivi u ħsieb kritiku matul l-edukazzjoni formali u mhux formali u t-tagħlim informali jippermetti lill-individwi jilħqu aħjar il-ħtiġijiet ta' soċjetà dejjem aktar diversa u bbażata fuq l-għarfien kif ukoll ta' suq tax-xogħol impenjattiv u li jinbidel rapidament;
9. Is-Suq Uniku Diġitali tal-Ewropa għandu jinkoraġġixxi l-ħolqien u ċ-ċirkolazzjoni ta' kontenut ta' kwalità li jiddependi mid-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa u jipprovdi qafas bilanċjat ta' drittijiet u dmirijiet fil-katina tal-valur kollha;
10. l-investimenti fis-setturi kulturali u dawk kreattivi huma ta' spiss meqjusa bħala riskjużi u volatili minħabba li huma bbażati fuq assi intanġibbli. Għaldaqstant hemm hteġa għal strumenti innovattivi finanzjarji speċifikament immirati għas-setturi kulturali u kreattivi li ser isaħħu l-kapaċità tagħhom biex jipparteċipaw f'kollaborazzjoni transsettorjali, inkluż fil-livell internazzjonali;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-AMBITU TAL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U BIR-RISPETT DEBITU GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

11. iqajmu s-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkoċernati kollha, b'mod partikolari dawk li jfasslu l-politika, il-professjonisti kreattivi, l-industriji, in-negozji u l-investituri, dwar il-valur kulturali, ekonomiku u soċjetali tal-kreattività u l-innovazzjoni permezz ta' kooperazzjoni transsettorjali. Għal dan il-għan, huwa importanti li jiġi inkoraġġut it-tixrid wiesa' ta' informazzjoni dwar il-prattiki tajba, ir-riżultati, u l-lezzjonijiet meħuda mill-kollaborazzjoni transsettorjali, kif ukoll in-netwerking ta' esperti u t-tagħlim bejn il-pari;

12. jgħlbu l-mentalità tal-organizzazzjoni li ma jikkondividux l-informazzjoni (silo) f'oqsma ta' politika tradizzjonali permezz tal-integrazzjoni mtejbja tal-kultura u l-kreattività artistika fl-istrateġiji għat-tkabbir ekonomiku, il-politiki soċjali, l-iżvilupp urban u reġjonali, u l-iżvilupp sostenibbli;
13. ikomplu l-immappjar ta' politiki eżistenti u ta' tendenzi relatati ma' kollegamenti kulturali u kreattivi u t-titjib tal-għbir ta' data sabiex jissaħħaħ it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza. Dan jimplika l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu mkejla l-kollegamenti kulturali u kreattivi ma' industriji oħra sabiex il-kontribut innovattiv tagħhom jinqabad aħjar, jinfiehem l-impatt usa' tagħhom;
14. jippromwovu ekosistemi kreattivi u ambjenti multidixxiplinari għas-setturi kulturali u kreattivi permezz ta' strutturi bħal ċentri għall-innovazzjoni u n-negozju, aċċeleraturi għall-bidu ta' negozju, inkubaturi, ċentri kreattivi, spazji għal ħidma konġunta u programmi ta' networking;
15. jippromwovu raggruppamenti u netwerks kulturali u kreattivi transettorjali fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali sabiex tingħata spinta lill-esportazzjonijiet kulturali u kreattivi u jittejjeb l-aċċess għal swieq ġodda;
16. jinkoraġġixxu l-użu tal-innovazzjoni mhux teknoloġika, soċjali u ta' servizz f'industriji tradizzjonali pereżempju bl-introduzzjoni ta' approċċ tal-mentalità tad-disinn<sup>2</sup> u l-kreattività bbażata fuq il-kultura f'dawn l-industriji;
17. jinkoraġġixxu s-setturi kulturali u kreattivi biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet tas-Suq Uniku Diġitali futur;

---

<sup>2</sup> Il-mentalità tad-disinn tista' tiġi deskritta bħala forma ta' riflessjoni ffokata fuq is-soluzzjonijiet, li tibda b'għan (sitwazzjoni futura aħjar) pjuttost milli tipprova ssolvi problema speċifika. Hi ttiprovdi approċċ komprensiv u kreattiv li jista' jiġi applikat biex jirrisolvi firxa wiesgħa ta' sitwazzjonijiet, b'mod partikolari daww kumplessi jew mhux mistennija.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, B'KONSIDERAZZJONI DOVUTA GĦALL-PRINĊIPJU  
TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

18. jinkoraġġixxu l-kollegamenti kulturali u kreattivi fil-livell lokali u dak reġjonali, jekk possibbli abbażi ta' inizjattivi eżistenti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi lokali, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet u n-negozji. Il-ħolqien ta' raggruppamenti multidixxiplinari bl-involviment attiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jiġi kkunsidrat ukoll;
19. jappoġġaw inizjattivi li jinkoraġġixxu attivitajiet konġunti ta' sostenn għas-setturi kulturali u kreattivi sabiex jingħelbu silos settorjali u jiġu żviluppati approċċi strateġiċi komprensivi;
20. jinkoraġġixxu l-użu tal-approċċ ta' mentalità tad-disinn fis-settur pubbliku waqt l-indirizzar ta' kwistjonijiet kumplessi u l-iżvilupp ta' servizzi effiċjenti u ċċentrati fuq l-utent<sup>3</sup>;

---

<sup>3</sup> Ibbażat fuq "Implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Innovazzjoni Mmexxija mid-Disinn" (SWD (2013) 380 final).

21. jippromwovu kondizzjonijiet favorevoli għas-setturi kulturali u kreattivi biex ikompli jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom fil-kuntest ta' sħubijiet transettorjali, inkluż bil-konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Alleanza tal-Industriji Kreattivi Ewropej<sup>4</sup>, permezz ta' miżuri adatti li jinkludu:

- strumenti finanzjarji innovattivi mfasslin apposta għall-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet tas-setturi, bħall-iskemi kreattivi ta' kupuni għall-innovazzjoni<sup>5</sup>, il-finanzjament inizjali<sup>6</sup>, il-finanzjament kollettiv, il-mekkaniżmi ta' garanzija ta' self, fondi b'kapital ta' riskju (bħall-investituri informali u l-kapital ta' riskju) u l-kontribuzzjonijiet li jitħallsu lura<sup>7</sup> sabiex l-appoġġ finanzjarju għas-setturi kulturali u kreattivi jiġi diversifikat. Proġetti pilota li jrawmu l-esperimentazzjoni u t-teħid tar-riskju bħala mod kif tiġi titmexxa l-innovazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll;
- l-iskambju ta' pjattaformi u taħriġ għall-investituri sabiex jiġu sensibilizzati dwar il-potenzjal tas-setturi kulturali u kreattivi, u għall-professjonisti li jaħdmu f'dawn is-setturi sabiex jiżviluppaw il-ħiliet maniġerjali u ta' negozju tagħhom;

<sup>4</sup> L-Alleanza tal-Industriji Kreattivi Ewropej (ECIA) hija inizjattiva ta' politika integrata li ġiet stabbilita mill-Kummissjoni u li damet mill-2012 sal-2014. L-għan tagħha kien li tittestja u tirvedi strumenti ġodda ta' politiki innovattivi għall-industriji kreattivi u li toħroġ rakkomandazzjonijiet konkreti.

<sup>5</sup> L-iskemi kreattivi ta' kupuni għall-innovazzjoni huma ammonti żgħar ta' kreditu pprovduti mill-gvernijiet lil impriżi żgħar u ta' daqs medju biex jixtru servizzi li jintroduċu l-innovazzjoni (prodotti, servizzi jew proċessi ġodda) fl-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom (rakkomandazzjoni tal-ECIA).

<sup>6</sup> Il-kapital inizjali huwa mmirat biex jappoġġa lill-kumpaniji biex jimxu mill-istadju ta' idea jew prototip għall-ewwel dħul kummerċjali. Huwa jikkonċentra fuq l-istadji bikrija ħafna ta' kumpaniji ġodda innovattivi fejn ir-riskju huwa għoli.

<sup>7</sup> Kontribuzzjonijiet li jitħallsu lura huma għodda għdida ffinanzjata mill-awtoritajiet pubbliċi. Proġett li jiġi magħżul jirċievi simultanjament finanzjament doppju li jikkonsisti minn self b'ebda spiża u minn "kontribuzzjoni li titħallas lura" li ser titħallas lura mill-kumpanija benefiċjarja totalment jew parzjalment skont il-prestazzjoni tal-kumpanija matul il-perijodu ta' sfruttament (rakkomandazzjoni tal-ECIA).



22. il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ħiliet trasversali bħall-kreattività, is-sensibilizzazzjoni kulturali, u l-intraprenditorija fl-edukazzjoni formali u t-tagħlim mhux formali. Jinkoraġġixxu, fejn adatt, approċċi transettorjali bejn oqsma differenti fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla, pereżempju permezz ta' programmi konġunti bejn l-arti u l-kultura, ix-xjenza, l-inġinerija, it-teknoloġija, in-negozju u oqsma rilevanti oħra;

**JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:**

23. tiżviluppa approċċ strateġiku komprensiv biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-iżvilupp tal-industriji kulturali u kreattivi, filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol tagħhom fil-proċess ġenerali tal-innovazzjoni fl-industriji kollha;
24. tfassal u xxerred aħjar l-informazzjoni dwar il-programmi u l-fondi eżistenti tal-UE għas-setturi kulturali u kreattivi biex jiġu rinfurzati l-kollegamenti ma' oqsma oħra ta' politika;

25. tikkunsidra l-użu ta' finanzjament eżistenti disponibbli taħt programmi tal-UE, bħall-Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, COSME, Erasmus + u Ewropa Kreattiva, għal proġetti ta' kollegamenti mmirati, pereżempju, lejn:

- l-appoġġ ta' timijiet multidixxiplinarji ta' artisti, riċerkaturi u teknoloġisti;
- l-appoġġ aħjar tal-innovazzjoni mhux teknoloġika, soċjali u ta' servizz;
- l-iżvilupp ta' ħiliet transversali, bħall-ħsieb kritiku u t-teħid ta' inizjattivi;
- l-appoġġ ta' prattiki artistiki fl-iżvilupp urban bħala parti minn bliet intelliġenti u kreattivi;
- it-trawwim ta' approċċ iċċentrat fuq l-utent biex jiġu modernizzati s-servizzi pubbliċi, eż. permezz tal-applikazzjoni tal-mentalità ta' disinn;

u tipproċedi mingħajr dewmien bl-azzjonijiet preparatorji meħtieġa biex tniedi l-Faċilità ta' Garanzija għas-Setturi Kulturali u Kreattivi<sup>8</sup> fl-2016;

26. tkompli l-ħidma mibdija mis-servizzi tagħha bħall-Eurostat u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, biex jiġu prodotti informazzjoni u data dwar il-kontribut tal-kollegamenti kulturali u kreattivi għal setturi ekonomiċi u oqsma ta' politika oħra, kif ukoll għat-tkabbir b'mod ġenerali.

## JAQBEL LI

27. jittieħed kont ta' dawn il-konklużjonijiet fl-2018. L-għan tal-eżerċizzju ta' teħid ta' kont ser ikun biex jiġi evalwat il-progress imwettaq mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fis-segwitu għall-konklużjonijiet<sup>9</sup>. L-Istati Membri għandhom jiġu kkonsultati dwar il-forma u l-ambitu tal-eżerċizzju, li għandu jkun ħafif u utli.

---

<sup>8</sup> Il-faċilità ta' garanzija għas-setturi kulturali u kreattivi hija strument finanzjarju stabbilit permezz tal-Programm Ewropa Kreattiva (2014-2020). L-għan tagħha hu li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament ta' intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju u organizzazzjonijiet li joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi.

<sup>9</sup> Eżempji preċedenti jinkludu t-teħid ta' kont tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2012 dwar il-governanza kulturali li sar fl-2015.